# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 8**

**Citaz. Numru 1723/96 GV**

**Louis Muscat**

**vs**

**AIC Anthony Borg u Prestressed Concrete Limited**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI ; IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. L-attur ipprezenta c-citazzjoni fl-ismijiet premessi ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' ta' danni li kienu ser jigu minnu sofferti minhabba difett fix-xoghol ta' kostruzzjoni maghmul mill-konvenuti u ghal-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Mejju 1999 giet milqugha l-eccezzjoni tal-konvenut Borg billi ddikjarat l-azzjoni preskritta u cahdet it-talbiet tal-attur.

## L-APPELL TA' L-ATTUR

3. Illi l-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza surreferita u intavola appell minnha fuq l-aggravju segwenti :-

L-ewwel Qorti sabet li l-azzjoni tal-attur kienet preskritta ghat-tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. L-attur jhoss li dik id-decizjoni, kienet skorretta fil-ligi.

Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut kienet inkompatibili mal-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Borg u qatt rinunzjata li t-talba attrici kienet prematura. Ma setax il-konvenut jeccepixxi fl-istess hin il-preskrizzjoni u l-intempestivita' tal-azzjoni imma kien obbligat jaghzel linja ta' difiza car. Ghalhekk f'dan ir-rigward l-eccezzjoni ta' intempestivita' timplika rinunzja necessarja ghall-preskrizzjoni u toqtol dik l-eccezzjoni ;

Fit-tieni lok il-konvenuti Prestressed Concrete Ltd ma ssollevawx dik l-eccezzjoni u ghalhekk ma setghetx dik l-eccezzjoni tigi milqugha fir-rigward taghhom ;

Fit-tielet lok jigi sottomess li l-preskrizzjoni applikabbli ma kienitx dik kontemplata fl-artikolu 2156 imma se mai dik fuq il-bazi tal-garanziji li jaghtu l-appaltaturi u l-periti ghax-xoghol lilhom kommess u anke fuq dik il-bazi allura l-eccezzjoni giet deciza malament ;

Fir-raba' lok taht l-ebda ipotesi l-azzjoni tal-attur ma hija perenta. L-attur ma setax ikun jaf definittivament u b'mod cert li kien hemm verament dannu kif allegat minn haddiehor. In fatti l-posizzjoni li ha fil-kawza intentata minn terzi kontra tieghu huwa kien eccepixxa li ma hemm l-ebda difett fil-bini. In realta' huwa beda jintebah serjament li l-affarijiet ma kienux kif kien jippretendi huwa meta l-perit tekniku ghamel ir-relazzjoni tieghu fil-kawza intentata kontra tieghu. Malli huwa sar jaf b'dan huwa intentata l-presenti kawza. Huwa sintomatiku li fil-mument in kwistjoni in realta' d-dannu fil-konfront tieghu ghadu ma materjalizzax ruhu imma ghandu temut. Huwa illogiku li wiehed jikkonkludi li l-azzjoni ghad-danni hija preskritta qabel dawk id-danni ma mmaterjalizzaw rwiehom konkretament.

Ghaldaqstant l-esponent jissottometti li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet malament milqugha.

Ghaldaqstant l-appellanti talab li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-precitata sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Mejju 1999 u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAD-DITTA KONVENUTA PRESTRESSED CONCRETE LIMITED**

4. Is-socjeta' konvenuta Prestressed Concrete Limited wiegbet hekk :-

Illi s-sentenza appellata hija gusta w timmerita konferma.

Illi in effetti l-aggravi dedotti mill-appellanti fir-rikors tal-appell m'humiex guridikament sostenibbli.

Illi hekk l-appellanti mhux korrett meta jghid li kien hemm xi kontradizzjoni fl-eccezzjonijiet tal-konvenut AIC Anthony Borg u dana peress li kull meta tinghata eccezzjoni dina tkun bla pregudizzju ghall-ohrajn. Il-fatt li l-konvenut Borg l-ewwel qal, in via ta' eccezzjoni, li l-azzjoni tal-attur illum appellanti, kienet prematura ma jistax ikun ta' dannu jew impediment li jqajjem eccezzjonijiet ta' natura differenti. Dik l-ewwel eccezzjoni giet debitament deciza mill-ewwel Qorti u rriteniet li l-konvenut ma kellux ragun. Allura gie deciz u li ma kienx hemm prematurita' minhabba d-danni aggudikati lill-terzi. Ghalhekk kien possibbli li dik il-Qorti setghet tghaddi biex tikkonsidra t-tieni eccezzjoni.

Illi in oltre meta l-Qorti tiddeciedi li azzjoni, li tkun intavolata mill-attur hija preskritta b'terminu ta' zmien, dak li tkun qed tiddeciedi l-Qorti huwa li l-atturi fir-rigward tad-drittijiet li jkun qed jivvanta kontra terzi

huma min huma, ma tistax tregi peress li jkun ghadda t-terminu ta’ tali azzjoni. Din il-Qorti fuq il-premessi taghha stess, kif ukoll fuq dak li rrizultala mill-provi tal-ewwel kawza kontra l-attur minn terzi, fl-ewwel decizjoni in parte fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Borg kienet waslet ghall-konkluzzjoni li kellu ragun l-attur hawn appellanti.

Illi fit-tielet lok l-appellanti qed jallega li se mai kellha tghodd il-preskrizzjoni tal-artikolu 1638 tal-Kodici Civili. Din il-Qorti tal-Prim’Istanza ddecidiet li ma japplikax, skond hija peress li skond il-Perit tekniku fl-ewwel kawza “Zammit vs Muscat” ma kienux irrizultaw il-fatturi li jsemmi l-istess artikolu. Hawn ta’ min isemmi li anki li kieku jigi applikat dan l-artikolu jirrizulta li wkoll ikun hemm preskrizzjoni tal-azzjoni peress li l-kostruzzjoni ossia s-soqfa tal-konvenuti ditta Prestressed, ilhom li gew ikkonsenjati madwar ghoxrin sena ilu.

Illi fir-raba’ lok jidher li l-attur qed jikkontradici ruhu, ghax waqt li fl-istadju preliminari u dwar l-ewwel eccezzjoni kien qed jghid u jippermetti li sofra danni, f’dan l-istadju tal-appell qed jissottometti li d-danni li qed jitkellem fuqhom ghadhom ma mmaterjalizzawx ruhhom imma ghadhom temuti. Dan il-punt gie definittivament deciz minn l-ewwel Qorti meta ddikjarat li kien hemm danni sofferti mill-attur. Ma jistax l-appellanti jinsa dak li diga’ huwa deciz mill-Qorti u sar ‘res gudicata’ ghax issa huwa opportun li jinghad li l-maqlub ta’ dak li sabet l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant is-socjeta' appellata tissottometti li l-appell interposat mir-rikorrenti appellanti ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

## IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAL-KONVENUT AIC ANTHONY BORG

5. Il-konvenut Borg wiegeb hekk :-

(i) Il-gravami ta' l-attur appellant huma tnejn :-

(a) Li l-ewwel u t-tieni eccezzoni tal-appellata huma inkompatibbli u f'kull kaz l-eccezzjoni tal-intempestivita' timplika rinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ;

(b) Li l-preskrizzjoni eccepita u sostenuta mill-ewwel Qorti ma kienitx applikabbli.

(ii) Jigi rilevat mill-ewwel kwantu ghall-ewwel aggravju illi l-eccezzjoni ta' l-intempestivita' tal-azzjoni u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma humiex guridikament inkompatibbli .

Fl-ewwel eccezzjoni, tutt'ora impregudikata, l-appellat Borg sempliciment irravisa illi gia' la darba l-kawza jew kwazi minn terzi fil-konfront tal-attur kienu ghadhom pendenti allura kien prematur li l-attur, konvenut f'dawk il-kawzi, jippretendi danni minghand l-esponenti li fil-mument tal-odjerna azzjoni kienu ghadhom ma gewx likwidati u definiti.

Din ix-xorta ta' eccezzjoni ma timplikax rinunzja ghall-fatt tal-preskrizzjoni. Dak li invece jitqies guridikament bhala rinunzja hi l-eccezzjoni nnifisha tal-intempestivita' billi, in kwantu ta' indole dilatarja, li kieku ma tqajmetx fil-bidu tal-kawza setghet titqies rinunzjata u ma kienx proceduralment possibbli li tigi sollevata fi stadju ulterjuri. (Vol. XLIX p. III p. 1162).

(iii) Ir-rinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tavvera ruhha mhux ghar-raguni sottomessa mill-appellant izda pjuttost fejn ikun car u konklussiv illi min qajjimha jkun b'att tieghu u xort'ora mmanifesta l-intenzjoni tieghu li jabdika d-dritt tieghu. (Vol. XXVIII p. 11 p. 333).

"Rinunzja espressa ghad-dritt hemm bzonn li tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci ……." (Vol. XXXIV p. 11 p. 646).
"Rinunzji tacita ta' drittijiet ma jistgthux jigu desunti hlief minn cirkostanzi tali li jippresupponu b'mod car u uniku l-abbandun tad-dritt" – Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe", App. Civ. 18 ta' Marzu 1977.

(iv) Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-esponenti ssottometta l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 u/jew a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16, u/jew il-perenzjoni tal-azzjoni jekk kienet impernjata fuq id-dispost tal-Artikolu 1638 Kodici Civili.

(v) L-appellanti jafferma illi l-azzjoni tieghu kienet mahsuba taht id-dispost tal-Artikolu 1638 Kodici Civili ghalkemm dan id-dispost ma jsemmiehx espressament.

Lill-ewwel Qorti rrizulta minn ezami tar-rapport tekniku fil-kawza "Zammit vs Muscat" illi x-xorta tal-hsarat riskontrati ma kienux jirrientraw taht dan id-dispost tal-ligi.

Dan huwa guridikament korrett u ghandu s-sostenn ta' gurisprudenza affermata :-

"Mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 1638 Kodici Civili jemergu zewg konsiderazzjonijiet :-

(a) Il-ligi tirriferixxi espressament ghall-perikolu car u mhux ghall-perikolu imminenti ;

(b) L-azzjoni ghall-hlas tal-hsara ghandha tirnexxi fi zmien sentejn minn dakinhar li jigri xi wiehed mill-kazijiet imsemmija jigifieri minn dakinhar li l-bini juri li kien hemm perikolu car". - "Joseph Gatt et vs AIC Frank Grixti Soler et" App. Civ. 21 ta' Frar 1990 ; "Frank Borg vs Francis Formosa et" App. Kumm. 10 ta' Ottubru 1975 ; "Emm. Refalo vs Joseph Mercieca u Perit Joseph Mizzi", App. Kumm. 7 ta' Jannar 1977 ; "Michele Mallia vs Perit William Micallef et" App. Kumm. 15 ta' Novembru 1968 ; "V. Grixti vs Lorenzo Gatt´ a Vol. XXI p. I p. 211.

(vi) Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellanti, fil-kaz de quo hi applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali. Jinsab ritenut illi :-

"Trattandosi di un'azione per danni derivanti dall'inadempimento di uza obbligazione contrattuale, non e' applicabile la disposizione dell'art. 1917 dell'ordinanza VII del 1368 che e' applicabile solo ai danni risultanti da dolo o colpa extra-contrattuale evvero Aquiliana, ga e' invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli difetti del contratto". (Vol. XIX p. 111 p. 106 ; Vol. XXIX p. I p. 1340 ; XXVI p. I p. 54 ; XXXIII p. II p. 379 ; Vol. XXXVII p. I p. 140 ; "Carmela armla Manicolo vs Philip Hili", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 ; "Sabrina Borda vs Arrigo Group of Hotels Limited" Prima Awla per Imh. F. Camilleri, 15 Jannar 1999).

(vii) L-appellanti jippretendi illi l-azzjoni tieghu ghad-danni kellha tiskaturixxi minn meta l-Perit Tekniku ntavola r-relazzjoni tieghu.

Dan l-argoment huwa fallaci jekk mhux ukoll stultifikanti in kwantu bl-istess argoment kull pretendent tad-dritt, li jibqa' passiv u almenu ma jipprotestax, jista' jipprogredixxi mhux meta jkun jaf bi stat ta' fatt li jkun jintitolah jezercita dritt izda minn meta, skond l-appellanti, "jintebah serjament li l-affarijiet ma kienux kif kien jippretendi" u/jew minn meta haddiehor jikkonkretizza l-istat ta' fatt maghruf. F'cirkostanzi konsimili

pretendent konsimili ghandu jitqies li jkun irrinunzja ghall-prosegwiment tad-dritt tieghu.

Tali argoment, imbaghad, huwa kuntrarju ghall-ispirtu tal-ligi rifless fl-art. 2137 Kodici Civili.

Konsegwentement l-appellat jissottometti illi l-appell interpost fil-konfront tieghu ghandu jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-aggravji tal-attur appellant huma essenzjalment tlieta, jigifieri,

(i) Li hemm inkompatibilita' bejn l-eccezzjoni ta' intempestivita' u dik tal-preskrizzjoni billi ta' l-ewwel timplika rinunzja tat-tieni wahda ;

(ii) Li f'kull kaz l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma kienitx giet sollevata wkoll mis-socjeta' konvenuta.

7. Illi dwar l-ewwel aggravju ghandu jirrizulta, minn ezami tal-eccezzjonijiet sollevati mill-appellat Borg, li dan, l-ewwel beda biex attakka l-validita' procedurali tal-azzjoni intentata u, sekondarjament,

ressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Trattandosi ta' eccezzjoni dilatorja l-eccezzjoni ta' intempestivita' bilfors ghandha titqajjem fil-bidu tal-kawza, u fl-ipotesi elaborata mill-eccipjent Borg certament ma kien hemm l-ebda rinunzja implicita. Ghall-kuntrarju, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni setghet tigi sollevata anke ulterjorment, anke fi stadju ta' appell. Illi jidher wisq evidenti li l-eccezzjoni ta' intempestivita' kienet diretta bex tpoggi in dubbju x-xorta ta' azzjoni intentata mill-attur u ma kienet qatt intiza li sservi bhala rinunzja ghal xi terminu preskrittiv. Dana l-aggravju huwa ghalhekk wiehed infondat.

(ii) L-ewwel Qorti rriteniet li, trattandosi hawn ta' kuntratt ta' appalt fejn id-danni huma dawk derivanti minn inadempjenza kuntrattwali, ghandha tapplika l-preskrizzjoni kwinkennali skond l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16, u kwindi mhix sempliciment kawza ta' danni fejn il-preskrizzjoni hija addirittura wahda iqsar. Illi minn ezami ta' l-att tac-citazzjoni – partikolarment il-premessi – ghandu jirrizulta kjarament li tabilhaqq l-azzjoni attrici hija impernjata fuq appalt. Kwindi dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti kien korrett minn punto di vista ta' dritt. Hija kawza bbazata fuq kuntratt ta' appalt u ghall-fini ta' perijodu preskrittiv japplika allura l-artikolu 2156 (f) – dak jigifieri ta' hames snin. Dan il-perijodu jibda jiddekorri minn dakinhar li azzjoni ta' din ix-xorta setghet tigi ezercitata. Dan ifisser li f'dan il-kaz, il-hames snin bdew jiddekorru minn meta l-attur sar jaf bil-hsara li lmenta dwar min xtara l-post minghandu u mhux invece minn dakinhar li gew konfermati l-hsarat

permezz ta' gudikat. L-attur, jekk tabilhaqq kien fi stat ta' certezza dwar il-fondatezza o meno tal-ilment dwar hsarat, dejjem seta' jissalvagwardja d-drittijiet tieghu billi jiterrompi l-preskrizzjoni b'att gudizzjarju.

(iii) Illi dwar it-tielet aggravju, apparti li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni setghet anke tigi sollevata fi stadju ta' appell, una volta din tkun giet dikjarata applikabbli, mill-atti tal-process (ara fol. 17) jirrizulta li, bil-maqlub ta' dak li jinghad fit-tielet aggravju, s-socjeta' appellata Prestressed Concrete Limited kienet issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri u ghalhekk anke dana l-aggravju huwa infondat.

Illi ghall-bqija dak li gie deciz mill-ewwel Qorti huwa sostanzjalment korrett u ghalhekk l-appell ta' l-attur m'huwiex fondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 1999, tichad l-appell ta' l-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg